**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 11 ta' Lulju 2001.

Pulizija
Spettur Louise Vella

Vs

Deemer Tabone.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imptuazzjonijiet migjuba kontra Deemer Tabone ta' 21 sena, bin il-mejjet Anthony u Vincenza imwielda Pace, imwieled Pieta' fl-4 ta' Settembru 1979, residenti f'Door 3, Flat 6, Ordinance Street, City Gate, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 476679 (M);

Talli fis-6 ta' Settembru 2000, u fil-gimghat precedenti, fil-Belt, Valletta, jew/u f'xi bnadijiet ohra, minghajr ordni skond il-ligi tal-Awtorita' Kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ritianne Debono, kontra l-volonta' taghha u fl-istess waqt offenda fuq il-persuna jew heddidha bil-mewt, u dan bi ksur tal-Artikolu 86 u 87 (1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, hebb kontra Ritianne Debono sabiex jingurja, idejjaqha jew jghamlilha hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 86, 87(1)(c) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

U wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebit;

Din il-Qorti qed issib lill-imputat Deemer Tabone mhux hati tal-ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant qeghda tilliberah minnha. Rigward it-tieni (2) akkuza, filwaqt li qeghda ssibu hati qed tilliberah a tenur tal-Artikolu 9 Unconditional.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.